C/2024/2236

19.3.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11501 – CD&R / STONE POINT / TRUIST INSURANCE HOLDINGS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/2236)

1. Fl-11 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Clayton, Dubilier & Rice, LLC (l-Istati Uniti tal-Amerika) ("CD&R")

— Stone Point Capital LLC (l-Istati Uniti tal-Amerika) ("Stone Point")

— Truist Insurance Holdings, LLC, sussidjarja ta' Truist Financial Corporation (l-Istati Uniti tal-Amerika) (it-"Target").

CD&R u Stone Point se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Target.

Il-konċentrazzjoni se ssir permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— CD&R hija ditta ta' investiment ta' ekwità privata, ibbażata fl-Istati Uniti, li toriġina, tistruttura u spiss taġixxi bħala investitur ewlieni tal-ekwità f'akkwiżizzjonijiet maniġerjali, investimenti strateġiċi ta' ekwità minoritarja u investimenti strateġiċi oħra.

— Stone Point hija ditta tal-investiment ibbażata fi Greenwich, Connecticut, l-Istati Uniti, li timmira lejn investimenti f'kumpaniji fl-industrija globali tas-servizzi finanzjarji u setturi relatati. Id-ditta tinvesti f'għadd ta' klassijiet ta' assi alternattivi, inkluża l-ekwità privata permezz tal-Fondi Trident ewlenin tagħha. Stone Point timmaniġġja wkoll fondi ta' kreditu likwidi u privati u kontijiet ġestiti.

— Target hija sussidjarja ta' Truist Financial Corporation ibbażata fl-Istati Uniti. Target huwa sensar tal-assigurazzjoni ffukat fuq l-Istati Uniti.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11501 – CD&R / STONE POINT / TRUIST INSURANCE HOLDINGS

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-'Regolament dwar l-Għaqdiet').
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Postal address:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË